FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 25 TA' JANNAR 2017

Il-Pulizija

Spettur James Grech

vs

George Vella

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta' karta tal-identita' 295674M akkuzat talli b'diversi atti maghmulin minnu, anki jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'resoluzzjoni wahda:

1. nhar id-9 t'Ottubru 2004 f'xi hin bejn l-1015am u l-1215pm, ikkommetta serq ta' gojjellerija, flus kontanti u/jew oggetti ohra minn gewwa residenza 13, IOWA, Triq Wied Blandun, Paola liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-ammont ta' €2329.37 u bil-lok ghad-detriment ta' Guiseppe Portelli u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;
2. fl-istess cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix € 23.29 ghad-dannu ta' Guiseppe Portelli u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;
3. nhar it-30 t'Ottubru 2004 f'xi hin bejn l-0930am u l-530pm, ikkommetta serq ta' gojjellerija, flus kontanti u/jew oggetti ohra minn gewwa residenza Dargal, Flat 2, Triq Luqa Briffa Gzira, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-ammont ta' €2329.37 u bil-lok ghad-detriment ta' Kenneth u Natasha Thorne/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;
4. fl-istess cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix € 23.29 ghad-dannu ta' Kenneth u Natasha Thorne u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

Il-Qorti mitluba titratta ma George Vella bhala recidiv ta' sentenzi li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula u dan ai termini ta'Artikolu 49, 50 u 289 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti mitluba tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta'esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkomtemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat ix-xhieda;

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fuq liema insista anka meta l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Fuq skorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu u tiddikjarah hati.

Rat l-Artikoli 261(b)(c)(e), 263, 264, 265, 266, 267, 269(g), 279(b)tal-Kap 9, l-Artikoli 325(l)(d) tal-Kap 9 u l-Artikoli 18, 49, 50, 289 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Tiddeciedi: li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tqeghdu taht sorveljanza ta' ufficjal tal-probation ghal zmien tlett snin mill-lum. Rat l-Artikolu 533 tal-Kap 9 u tikkundannah ghall-ispejjes tal-esperti nominati f'dawn il-proceduri.

Il-Qorti spjegat lill-imputat r-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

A.M. Trigona

Magistrat